# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tal-Erbgħa u erbgħin (44) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-Erbgħa 29 ta' Marzu, 2012 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Assenti:* Nadia Zammit

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa tqassmu u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati mis-Sindku Mario Salerno u ssekondati mis-Sinjura Rose Roberts pero kien hemm xi punti imqajma mis-Sur Stephen Mizzi.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Stephen Mizzi jagħmel referenza għal punt numru 4.16 tal-minuti fejn il kunsill qabel unanimement, skont il minuti preżentati li l-AGM isir fl-1 ta' Marzu. Minajr ebda konsultazzjoni

u minajr l-ebda preavviz il-laqgħa ġiet kkanċellata/posposta minajr ma gew infurmati il-kunsilliera jew xi kunsilliera għal data oħra kontra dak li ġie deċiż fil-laqgħa ta' l-1 ta' Frar.

3.2. Is-Sindku qal li aħna konna edna li l-laqgħa ġenerali ser issir fis-sala u fid-dawl li nqala minħabba l-lift il-laqgħa ġenerali ma setetx tinżamm skond kif proponut fis-sala u s-sindku bgħat proponiment ta' l-agenda lil Ranier il-Ġimgha u is-sindku ried jiċċara li l-avviż ta' l-AGM jieħu ġimgħatejn żmien skond kif inhu mitlub mil-liġi tal-kunsilli lokali. Wara li ġie stipulat il-perjodu ġiet proponuta id-data ta l-AGM fejn fil-paramentri tal-leġislazzjoni riedet tinżamm sal-31 ta Marzu 2012. Il-pubbliku kien marraf u fil-fatt l-AGM inżammet nhar it-Tnejn li għaddew.

**4.Starrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku qal li hu waqt il-laqgħa Ġenerali kien qal ukoll illi illum billi kienet l-aħħar jum li ltaqgħu l-anzjani li kienet tieħu responsabilta minnhom Rose. Is-Sindku kompla u qal " Illi jien stidint illi ħa nagħmel ħaġa minn tiegħi b'rispett tar-relazzjoni li kellna tajba aħna ma' l-anzjani u ukoll rikonoxximent tax-xogħol tajjeb li għamlet Rose għedt biex kulħadd kien mistieden bħal ma kienu mistiedna wkoll dawn in-nies li jiġu s-soltu nhar ta' Ħamis. Meta gejt hawn hekk kien hawn tan-Net TV u staqsuni għalfejn il-kunsilliera nazzjonalisti għaliex ma kienux mistiedna u għedtilhom mux ta' biss li ma kienux jafu imma wkoll kienu mistiedna l-Ministru Mario Galea u Stephanie Xuereb fejn jiġi li llum jitkellem fuq id-day centre li jinawgurah. Tajjeb li ngħid li kien pjacir tiegħi li niltaqgħa magħhom. Min ma ġiex jew ma setax jew xi ħaġa oħra jaf ir-risposta hu.

4.2. Is-Sindku Mario Salerno qal li ħaġa oħra jixtieq jirringrazzja lil Ranier Busuttil tax-xogħol u l-ħidma li għamel u fl-assenza tiegħu sal-1 ta' Mejju. Mario ippropona li Antonia tkun Deputy

Executive Secretary bl-approvazzjoni tad-Direttur u l-Ministru. Salerno kompla u qal "Nixitieq nirringrazzja lil kunsilliera l-4 li huma u nappella u nawgura lis-Sindku l-gdid u l-kunsilliera ħidma tajba.

Mario qal tajjeb li tkunu tafu li l-ispiża tal-adminstration hija l-fuq minn 120,000 u jekk jitlaq Ranier tonqos b €23,000 u Antonia u Anthea ikollom jagħmlu x-xogħol ta' Ranier ukoll. Salerno kompla u qal li hu tkellem mad-Direttur u fiehmu li mhux feasible li taħtarx persuna oħra pero qed tiġi tiswa ħafna flus.

Is-Sur Mizzi qal li bħala Deputy ma tistax iddum iktar minn tlett xhur u wara dan iz-zmien ikollu bilfors jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid. Hu qal li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li tinħatar Antonia bħala Deputy pero f'dan iż-żmien irid isir il-proċess ta' Segretarju ġdid.

**5. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joseph Carbone**

Is-Sur Carbone ma kellux stqarrija.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Stephen qal li b'refenza għal dak li qal is-Sindku dwar l-attivita li ġiet imtella llum liema attivita ma ġietx diskussa u ma ġietx indirizzata lejn il-kunsilliera. Hu kompla u qal "Madanakollu nixtieq personalment nirringrazzja lis-sindku u l-kunsilliera li fil-leġislazzjoni ta' 4 snin nemmen li kkoperajna u ħdimna għall-ġid tal-lokalita. Jiddispjaċini biss nninnota li f mumenti ta' disgwit kellna naslu f'sitwazzjoni li jiena niġi eliminat minn ċerti emails jew minn ċerti komunikazzjoni ta' l-attivitajiet li kellhom isiru fil-kunsill madanakollu nawgura minn qalbi lis-Sindku Mario Salerno suċċess f'lokalita fejn definittivament l-isfidi huma ħafna ikbar.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.3.1. Rose tirringrazzja lil kunsilliera li sibt ħafna koperazzjoni f'ħafna mumenti. Kien hemm xi mumenti li ma qbilniex pero l affarijiet għaddew tawgura lil kunsill il-ġdid u jalla jkomplu x xogħol tajjeb li bdejna dan il-kunsill.

**6. Approvazzjoni ta' ordnijiet ġodda.**

6.1. Ġew diskussi fl-istqarriji.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-Pagamenti ġew approvati minn Mario Salerno, Rose Roberts u Joseph Carbone pero mhux minn Stephen Mizzi minħabba ítems 3, 30, 31, 32, 33 42 li ma japprovhomx.

**8. Affarjiiet oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**9. Konklużjoni**

9.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**